**Laqgha Numru 05/K6/2012 – Laqgha b'urgenza (Ara dok. A)**

**Introduzzjoni**

Il-Hames Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2012 li saret nhar it-Tnejn 30 ta' Jannar 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Lauro Fava u Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienu skuzata.**(Ara dok. B u C)**

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

Ghall-parti mill-laqgha kien hemm il-prezenza tal-pubbliku. (Rapprezentanti tal-kumpanija Absolute Cleaners Ltd.)

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-27 ta' Jannar 2012. L-Agenda kienet:

**01. Deċiżjoni dwar Tenders 08 u 10/2011.**

## 01. Deċiżjoni dwar Tenders 08 u 10/2011.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-ghan tal-laqgha kien li jigu diskussa l-offerti u dan fid-dawl li d-DGL qed jistenna minghand il-Kunsill l-ezitu tad-decizjoni tal-Kunsill. Il-kelliem qal li t-tenders prezenti kienu ser jiskadu fl-ahhar ta' Jannar 2012.

1.02. Fil-5.35 il-kelliem ippropona li l-laqgha tigi sospiza sabiex ikun jista' jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla.

1.03. Il-Kunsillier Joe Brincat ssekonda.

1.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li huwa mhux ser ikun prezenti ghall-waqt il-Bord ta' l-Ghazla.

***1.06. Il-laqgha giet sospiza fil-5.35pm.***

***1.07. Il-laqgħa tkompliet fil-5.45pm.***

1.08. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien ta' l-opinjoni li minhabba li kien maghmul biss minn zewg persuni, ma kienx ghaqli li jasal ghall-konkluzjoni.

1.09. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta lill-Kunsill kopja ta' dikjarazzjoni li qal li kien ser iressaq ghall-attenzjoni tal-membri kollha tal-Kunsill. **(Ara dok. D)**

1.10. Is-Sindku Joe Zammit qal li fid-dawl li kienu prezenti huwa u l-Kunsillier Joe Brincat biss kif ukol fid-dawl li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ma setax ikun prezenti biex jigu diskussa dawn l-offerti, aggorna l-laqgha ghal nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar 2012 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |